DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1167

tas-27 ta' April 2021

li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u l-appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-politika komuni dwar is-sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru d-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd.

(2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu tad-*data* fis-settur tas-sajd (EU MAP).

(3) L-EU MAP huwa meħtieġ biex l-Istati Membri jispeċifikaw u jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għall-ġbir ta' *data* fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom u jistabbilixxi lista dettaljata tar-rekwiżiti tad-*data* għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, jelenka stħarriġiet obbligatorji fuq il-baħar u jistabbilixxi limiti għall-ġbir ta' *data*. L-EU MAP għall-2020-2021 ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 ([3]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909 ([4]). Iż-żewġ deċiżjonijiet jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2021.

(4) Għaldaqstant din id-Deċiżjoni tistabbilixxi arranġamenti dettaljati dwar il-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika mill-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1004 mill-1 ta' Jannar 2022.

(5) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali rilevanti u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2017/1004.

([1]) ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 28.12.2013, p. 22).

([3]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 tat-13 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 27).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka u l-limiti għall-għanijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 21).

(6) Din id-deċiżjoni għandha tinqara flimkien mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1168 ([5]), li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/909 u tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji fuq il-baħar u l-limiti li taħthom, l-Istati Membri mhumiex obbligati li jiġbru *data* abbażi tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura tagħhom jew iwettqu stħarriġiet ta' riċerka fuq il-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1004, mill-1 ta' Jannar 2022. Hija tistabbilixxi wkoll iż-żoni tar-reġjuni marini għall-iskopijiet tal-ġbir ta' *data*, kif imsemmi fl-Artikolu 9(11) ta' dak ir-Regolament (UE) 2017/1004.

(7) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/910 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu tad-*data* fis-settur tas-sajd mill-2022 li jkopri l-lista dettaljata tar-rekwiżiti tad-*data* kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1168 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġ obbligatorju tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti bħala parti mill-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-data fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 (Ara l-paġna 92 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ANNESS

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti li ġejjin: Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([2]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([3]), ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) għandhom japplikaw. Barra minn hekk, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) **bastiment attiv**: bastiment li jkun wettaq xi operazzjoni tas-sajd għal mill-anqas jum wieħed matul sena kalendarja.

(2) **frazzjoni tal-qabda**: parti mill-qabda totali, bħall-parti mill-qabda li tkun inħattet u li tkun aktar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, il-parti li tkun inħattet u li tkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, u l-qbid skartat legalment, maqsuma fil-parti li tkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni u l-parti li tkun aktar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni.

(3) **jum fuq il-baħar:** kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti f'żona tas-sajd iddefinita u assenti mill-port.

(4) **qabdiet rikreattivi:** il-komponenti kollha miżmuma, skartati u rilaxxati tal-qabda, ħajjin jew mejtin, maqbuda matul is-sajd rikreattiv.

(5) **speċijiet dijadromi:** speċijiet ta' ħut li jpassu bejn il-baħar u l-ilma ħelu bħala parti miċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

(6) **jum tas-sajd:** kwalunkwe jum kalendarju fuq il-baħar li fih isseħħ attività tas-sajd, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Vjaġġ tas-sajd wieħed jista' jagħti kontribut kemm għas-somma tal-jiem tas-sajd għall-irkaptu passiv kif ukoll għas-somma tal-jiem tas-sajd għall-irkaptu attiv użat fuq dak il-vjaġġ.

(7) **post għas-sajd**: unità ġeografika li fiha jseħħ is-sajd. Il-qbil dwar l-unitajiet għandu jsir fil-livell ta' reġjun marin abbażi ta' żoni eżistenti ddefiniti mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd jew minn korpi xjentifiċi.

(8) **segment tal-flotta**: grupp ta' bastimenti tal-istess klassi ta' tul (LOA, tul totali) u rkaptu tas-sajd predominanti matul sena kalendarja partikolari.

(9) **bastiment mhux attiv**: bastiment li ma jkunx wettaq operazzjonijiet tas-sajd matul sena kalendarja partikolari.

(10) **mestier**: grupp ta' attivitajiet tas-sajd immirati għal speċijiet simili jew ġabra ta' speċijiet, bl-użu ta' rkaptu simili ([6]), matul l-istess perjodu tas-sena u/jew fl-istess żona u li jkunu kkaratterizzati minn mudell simili ta' sfruttament.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

([6]) Kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

(11) **stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar**: attivitajiet li jinvolvu l-monitoraġġ ta' stokkijiet ta' ħut u/jew ta' riżorsi bijoloġiċi marini u tal-ekosistema, imwettqa fuq bastiment iddedikat għal din ir-riċerka xjentifika u ddeżinjat għal dan il-kompitu minn Stat Membru.

KAPITOLU II

Metodi ta' ġbir ta' *data* u rekwiżiti tad-*data*

1. Prinċipji ġenerali

1.1. F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1004, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' ħidma nazzjonali, li jispeċifikaw id-*data* li trid tinġabar u l-metodi tal-ġbir ta' *data*.

1.2. Il-metodi u l-kwalità tal-ġbir ta' *data* għandhom ikunu xierqa għall-finijiet maħsuba u ddefiniti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-metodi applikati għandhom isegwu l-parir xjentifiku rilevanti u l-aħjar prattiki. L-Istati Membri jistgħu jwettqu studji biex ikomplu jesploraw, jiżviluppaw u jittestjaw il-metodi tal-ġbir ta' *data*. Il-metodi u l-applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu vvalutati f'intervalli regolari minn korpi xjentifiċi indipendenti biex jiġi żgurat jekk humiex xierqa għall-finijiet maħsuba. L-Istati Membri għandhom jadattaw l-ippjanar u l-implimentazzjoni tagħhom tal-ġbir ta' *data* f'konformità mar-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet.

1.3. Fir-rigward tad-*data* speċifikata fil-punti 2, 3, 4 u 5 ta' hawn taħt, id-*data* rrappurtata u trażmessa skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, inkluża iżda mhux limitata għall-ġurnali ta' abbord, għan-noti tal-bejgħ u għad-*data* dwar il-pożizzjoni bħad-*data* tal-VMS, għandha tkun disponibbli fil-forma ewlenija għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali.

1.4. Fir-rigward tad-*data* speċifikata fil-punti 2, 3 u 4 ta' hawn taħt, l-Istati Membri għandhom jaqblu fil-livell ta' reġjun marin dwar id-*data* li trid tinġabar, abbażi tal-ħtiġijiet identifikati tal-utenti aħħarin tad-*data* xjentifika ("il-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin"), inkluż, fejn xieraq, l-ispeċijiet, l-istokkijiet, ir-reġjuni, il-varjabbli, il-metodoloġija u l-frekwenza tal-ġbir ta' *data* f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004. Id-*data* li tinġabar b'dan il-mod għandha tippermetti lill-utenti aħħarin li jiksbu l-valutazzjonijiet meħtieġa għat-tipi rilevanti kollha ta' sajd, ta' perjodi ta' żmien u ta' żoni. Jekk l-ebda koordinazzjoni reġjonali ma tkun tista' tinkiseb, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ġbir ta' *data* nazzjonali abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin.

1.5. Fir-rigward tad-*data* soċjali u ekonomika speċifikata fil-punti 5, 6 u 7 ta' hawn taħt, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fir-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-Negozju ([7]). Definizzjonijiet addizzjonali ta' varjabbli, ta' saffi, u, fejn xieraq, tal-metodoloġija ta' ġbir, għandhom jiġu kkoordinati fost l-Istati Membri kkonċernati.

1.6. Filwaqt li jispeċifikaw id-*data* li trid tinġabar, l-Istati Membri għandhom iqisu l-limiti stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1168 ([8]) li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet u ta' limiti obbligatorji bħala parti mill-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

1.7. Id-*data* li trid tinġabar hija maqsuma f'settijiet, speċifikati fil-punti 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu.

2. Id-*data* bijoloġika dwar ir-riżorsi bijoloġiċi sfruttati maqbuda mis-sajd kummerċjali u rikreattiv tal-Unjoni

2.1. Fir-rigward tas-sajd kummerċjali:

(a) id-*data* għandha tinkludi l-kwantitajiet tal-qabdiet skont l-ispeċi u d-*data* bijoloġika minn eżemplari individwali, biex tkun tista' ssir l-istima tal-volum u tal-frekwenza tat-tul, kif ukoll tal-varjabbli bijoloġiċi bħall-età tal-individwu, is-sess, il-piż, il-maturità u l-fekondità, għal kull frazzjoni tal-qabda skont l-ispeċi u ż-żona ta' ġestjoni elenkati fit-Tabella 1. Id-*data* meħtieġa biex jiġu stmati l-volum u l-frekwenza tat-tul għandha tiġi rrapportata fil-livell ta' aggregazzjoni meħtieġ mill-utent aħħari rilevanti, bl-użu tal-kodiċijiet tal-irkaptu elenkati fit-Tabella 5 fejn rilevanti;

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1168 tas-27 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġ obbligatorju tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti bħala parti mill-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-data fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura mill-2022 (ĠU L 253, …, p. 92).

(b) barra minn hekk, id-*data* li ġejja għandha tingħabar dwar l-ispeċijiet dijadromi elenkati fit-Tabella 3 li nqabdu matul il-parti taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom fl-ilma ħelu, mhux rilevanti kif jitwettaq dan is-sajd:

i. varjabbli relatati mal-istokk magħżula mill-Istati Membri f'livell reġjonali abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent aħħari,

ii. kwantitajiet tal-qabdiet annwali għas-salamun u t-trota tal-baħar,

iii. kwantitajiet tal-qabdiet skont l-istadju tal-ħajja għas-sallur.

2.2. Fir-rigward tas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw skemi statistikament robusti ta' kampjunar multispeċi li jippermettu li l-kwantitajiet tal-qabdiet jiġu stmati għall-istokkijiet miftiehma fil-livell reġjonali, f'konformità mal-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti aħħarin. Meta tali skema ma tkunx teżisti, l-Istati Membri għandhom jiġbru *data* li tippermetti li l-kwantitajiet tal-qabdiet jiġu stmati għall-ispeċijiet u għaż-żoni elenkati fit-Tabella 4.

Meta l-qabdiet rikreattivi jaffettwaw l-iżvilupp tal-istokkijiet tal-ħut, l-Istati Membri għandhom iwettqu kampjunar bijoloġiku f'konformità mal-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin, kif miftiehem fil-livell tar-reġjun marin.

2.3. Barra minn hekk:

(a) għas-salamun u għat-trota tal-baħar, għandha tingħabar *data* dwar l-abbundanza tas-salamun żgħir u tal-flieles tas-salamun u dwar in-numru ta' individwi axxendenti fix-xmajjar.

(b) għas-sallur, id-*data* għandha tingħabar fi kwalunkwe ħabitat marin rilevanti jew tal-ilmijiet interni f'mill-inqas korp wieħed ta' ilma għal kull unità ta' ġestjoni tas-sallur dwar: l-abbundanza tar-rekluti, l-abbundanza tal-istokk permanenti (sallura safra) u n-numru u l-piż, u l-proporzjon bejn is-sessi tas-sallur tal-fidda li jkunu qed ipassu.

Id-dežinjazzjoni tal-korpi tal-ilma, inkluż ix-xmajjar, l-għażla ta' varjabbli relatati mal-istokk li għandhom jingħabru u jiġu mmonitorjati, u l-frekwenza tal-kampjunar għas-salamun, għat-trota tal-baħar u għas-sallur għandhom ikunu ddefiniti u kkoordinati fil-livell reġjonali, skont il-ħtiġijiet tal-utent aħħari. Meta l-ebda koordinazzjoni reġjonali ma tkun teżisti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' kampjunar nazzjonali abbażi tal-ħtiġijiet tal-utent aħħari.

3. ***Data* dwar l-attività tal-bastimenti** [9]**tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u barra minnhom**

3.1. Id-*data* għandha tkopri l-varjabbli elenkati fit-Tabella 6 fl-iktar livell ġeografiku baxx rilevanti, skont is-segment tal-flotta (Tabella 8) u skont il-livell 6 tal-mestieri (Tabella 5). Din id-*data*, inkluż id-*data* dwar il-pożizzjoni, bħad-*data* tal-VMS [10] jew id-*data* tal-AIS [11], irreġistrati, irrapportati jew trażmessi skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, għandhom ikunu disponibbli fil-forma ewlenija għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali. Meta m'hemm l-ebda obbligu skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 biex tiġi rreġistrata din id-*data*, jew meta din id-*data* ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kopertura, ta' reżoluzzjoni u/jew ta' kwalità tal-utenti aħħarin, għandhom japplikaw metodi ta' kampjunar alternattivi xierqa.

3.2. Id-*data* dwar is-sajd kummerċjali għas-sallur fl-ilmijiet interni għandha tkopri l-varjabbli indikati fit-Tabella 6. Id-*data* rreġistrata skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 trid tkun disponibbli bħala forma ewlenija għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali. Meta m'hemmx l-ebda obbligu skont ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 li tiġi rreġistrata din id-*data*, jew meta din id-*data* ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kopertura, ta' riżoluzzjoni u/jew ta' kwalità tal-utenti aħħarin, għandhom japplikaw metodi ta' kampjunar alternattivi xierqa.

---

[9] Tinkludi rekwiżiti speċifiċi għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

[10] *Data* tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti — iddefinita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd.

[11] Is-sistema awtomatika ta' identifikazzjoni — imsemmija fid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti.

4. ***Data* dwar l-impatt tas-sajd tal-Unjoni fuq ir-riżorsi bijoloġiċi marini u l-ekosistemi marini fl-ilmijiet tal-Unjoni u 'l barra minnhom**

4.1. Għandha tinġabar *data* dwar l-okkorrenzi (minn tal-inqas il-piż u/jew in-numru ta' individwi għal kull speċi, skont l-unità xierqa għal speċi partikolari) tal-qabdiet inċidentali tal-għasafar tal-baħar, tal-mammiferi, tar-rettili u tal-ispeċijiet tal-ħut protetti kollha, kif imsemmi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u skont il-ftehimiet internazzjonali, inkluż dawk speċifikati fit-Tabella 2, u l-ispeċijiet bentiċi invertebrati identifikati bħala indikatur ([12]) tal-VME ([13]). Din id-*data* għandha tiġi rreġistrata matul il-vjaġġi xjentifiċi tal-osservaturi fuq il-bastimenti tas-sajd, jew mis-sajjieda nfushom, li jużaw il-ġurnali ta' abbord jew mezzi xierqa oħra. Meta din id-*data* ma tkunx biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin, għandhom jintużaw metodi u osservazzjonijiet komplementari oħra, abbażi tal-għarfien xjentifiku disponibbli, inkluż il-valutazzjonijiet tar-riskju.

4.2. Id-*data* meħtieġa biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd fuq il-ħabitats marini u fuq l-ispeċijiet irreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE għandha tkun disponibbli, f'livell xieraq ta' aggregazzjoni, għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali. Meta ma hemm l-ebda obbligu skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 biex tiġi rreġistrata din id-*data* jew meta din id-*data* ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' kopertura, ta' riżoluzzjoni u/jew ta' kwalità tal-utenti aħħarin, jenħtieġ li japplikaw metodi alternattivi xierqa ta' kampjunar, inkluż il-metodi ddeterminati permezz ta' studji mmirati.

4.3. Il-ġbir ta' *data* dwar l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ix-xbieki alimentari għandu jinkludi l-kampjunar u l-analiżi tal-istonkijiet.

5. ***Data* soċjoekonomika dwar is-sajd**

5.1. Għandha tinġabar *data* ekonomika dwar il-bastimenti attivi u mhux attivi kollha elenkati fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità ([14]) fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' rappurtar, u dwar bastimenti oħra li jkunu stadu għal mill-inqas jum wieħed matul is-sena ta' rappurtar. Fir-rigward ta' bastimenti attivi, id-*data* miġbura għandha tkopri l-varjabbli indikati fit-Tabella 7 skont is-segmentazzjoni tal-flotta indikata fit-Tabella 8 u skont is-suprareġjuni kif iddefinit fit-Tabella 2 tal-Kapitolu III fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1168. Fil-każ ta' bastimenti mhux attivi, għandha tinġabar *data* dwar il-valur kapitali u l-kost kapitali.

Id-*data* ekonomika għandha tinġabar fuq bażi annwali.

Id-*data* dwar il-varjabbli ekonomiċi tista' tiġi aggregata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità jew fejn meħtieġ biex jitfassal pjan ta' kampjunar statistikament sod. Din l-aggregazzjoni għandha tkun konsistenti tul iż-żmien.

5.2. Id-*data* soċjali għandha tkopri l-varjabbli indikati fit-Tabella 9 u għandha tinġabar kull tliet snin, li tibda mill-2017 bħala l-ewwel sena tad-*data* ta' referenza.

6. ***Data* soċjoekonomika u ambjentali dwar l-akkwakultura**

6.1. Għandha tinġabar *data* ekonomika dwar l-intrapriżi kollha li l-attività primarja tagħhom hija ddefinita skont il-kodiċijiet tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE) 03.21, "akkwakultura tal-baħar", u 03.22, "akkwakultura tal-ilma ħelu". Id-*data* miġbura għandha tkopri l-varjabbli ekonomiċi indikati fit-Tabella 10 skont is-segmentazzjoni tas-settur stabbilita fit-Tabella 11.

Id-*data* ekonomika għandha tinġabar fuq bażi annwali.

Id-*data* dwar il-varjabbli ekonomiċi tista' tiġi aggregata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità jew fejn meħtieġ biex jitfassal pjan ta' kampjunar statistikament sod. Din l-aggregazzjoni għandha tkun konsistenti tul iż-żmien.

([12]) L-indikaturi VME — imsemmija fir-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fil-Grigal tal-Atlantiku u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal.

([13]) Ekosistema marina vulnerabbli — iddefinita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ fl-ibħra internazzjonali.

([14]) Iddefinit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

6.2. Id-*data* soċjali għandha tkopri l-varjabbli indikati fit-Tabella 9 u għandha tinġabar kull tliet snin, li jibdew mill-2017 bħala l-ewwel sena tad-*data* ta' referenza.

6.3. Id-*data* ambjentali, bħad-*data* dwar il-kwalità tal-ilma, il-ħut li jaħrab, l-użu tal-antibijotiċi u mediċini oħra, u l-istatus tal-mard, meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali rilevanti, għandha tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali.

7. ***Data* soċjoekonomika dwar is-settur tal-ipproċessar tal-ħut**

Lil hinn mid-*data* ppubblikata mill-Eurostat, miġbura mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea dwar in-negozji u r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]), l-Istati Membri jistgħu jiġbru *data* soċjoekonomika addizzjonali dwar is-settur tal-ipproċessar tal-ħut.

Tabella 1 (qabel kienet it-Tabelli 1 A, B u C)

Speċijiet u żoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u r-reġjuni marini kollha taħt l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u r-Reġjuni Ultraperiferiċi ([16])

Reġjun	**Il-Baħar Baltiku**
Żona	**Il-Baħar Baltiku (iż-żoni tal-ICES 3b-d, iż-żona tal-FAO 27)**
RCG	**Il-Baltiku**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	**Iż-żona tal-ICES**
Sallura	*Anguilla anguilla*	22-32
Aringa	*Clupea harengus*	22-24; 25-27, 28.2, 29, 32; 28.1; 30-31
Koregun abjad	*Coregonus albula*	22-32
Koregun lavaret	*Coregonus lavaretus*	3d
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	22-24; 25-32
Limanda	*Limanda limanda*	22-32
Dott tal-Ewropa ta' Fuq	*Perca fluviatilis*	3d
Barbun	*Platichthys flesus*	22-32
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	21-23; 24-32
Salamun	*Salmo salar*	22-31; 32
Trota tal-baħar	*Salmo trutta*	22-32
Luċċjoperka	*Sander lucioperca*	3d
Barbun imperjali	*Scophthalmus maximus*	22-32
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	22-32
Lingwata komuni	*Solea solea*	20-24

([15]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-istatistika tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

([16]) Meta jitfasslu l-pjanijiet tat-teħid tal-kampjuni biex tinġabar l-informazzjoni bijoloġika kif stabbilita fil-Kapitolu II ta' dan l-Anness, jenħtieġ li kwalunkwe konfini tal-istokkijiet, kif stabbiliti mill-utent aħħari rilevanti jiġu meqjusa u jiġi allokat sforz xieraq tal-kampjunar għal kull stokk.

Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	22-32

Reġjun	**Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Lvant tal-Artiku**
Żona	**Il-Lvant tal-Artiku, il-Baħar Norveġiż u l-Baħar ta' Barents (iż-żoni tal-ICES 1, 2, iż-żona tal-FAO 27)**
RCG	**NANS&EA**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	**Żona tal-ICES**
Sallura	*Anguilla anguilla*	1, 2
Arġentina kbira	*Argentina silus*	1, 2, 5a, 14
Brożmju	*Brosme brosme*	1, 2
Aringa	*Clupea harengus*	1, 2
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	1, 2
Kelb il-baħar	*Galeorhinus galeus*	1, 2
Barbun tat-tbajja' Amerikan	*Hippoglossoides platessoides*	1, 2
Kapelin	*Mallotus villosus*	1, 2
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	1, 2
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	1, 2
Linarda	*Molva dypterygia*	2
Lipp	*Molva molva*	1, 2
Mazzola bla xewka	Mustelus spp.	1, 2, 14
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	1, 2
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	1, 2
Ħalibatt ta' Greenland	*Reinhardtius hippoglossoides*	1, 2
Salamun	*Salmo salar*	1, 2
Trota tal-baħar	*Salmo trutta*	1, 2
Kavall	*Scomber scombrus*	2
Skorfna tat-Tramuntana	*Sebastes mentella*	1, 2
Dott ħamrani	*Sebastes norvegicus*	1, 2
Mazzola griża	*Squalus acanthias*	Iż-żoni kollha
Sawrell	*Trachurus trachurus*	2a

Reġjun	**Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Lvant tal-Artiku**
Żona	**Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Kanal tal-Lvant (iż-żoni tal-ICES 3a, 4 u 7d, iż-żona tal-FAO 27)**
RCG	**NANS&EA**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	**Żona tal-ICES**

Ċiċċirella	*Ammodytidae*	3a, 4
Pixxigatti	Anarhichas spp.	4
Sallura	*Anguilla anguilla*	3a, 4, 7d
Arġentina kbira	*Argentina silus*	3a, 4
Arġentini	Argentina spp.	4
Żumbrell għadma	*Aspitrigla cuculus*	3a
Brożmju	*Brosme brosme*	3a, 4
Aringa	*Clupea harengus*	3a, 4, 7d
Grenadier imnieħru tond	*Coryphaenoides rupestris*	3a
Gamblu tar-ramel	*Crangon crangon*	4, 7d
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	4, 7d
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	3a, 4
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	3aN; 3aS; 4, 7d
Kelb il-baħar	*Galeorhinus galeus*	3a, 4, 7d
Barbun ilsien il-kelb	*Glyptocephalus cynoglossus*	3a, 4
Ċippullazza tal-għajn	*Helicolenus dactylopterus*	4
Lingwata ta' erba' tikek	*Lepidorhombus boscii*	4, 7d
Megrim	*Lepidorhombus whiffiagonis*	4, 7d
Raja kukù	*Leucoraja naevus*	3a, 4
Limanda	*Limanda limanda*	3a, 4, 7d
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	4, 7d
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	4
Grenadier rasu raffa	*Macrourus berglax*	4
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	3a, 4
Merlangu	*Merlangius merlangus*	3a, 4, 7d
Merluzz	*Merluccius merluccius*	3a, 4, 7
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	3a, 4, 7d
Lingwata ħalqha żgħir	*Microstomus kitt*	4, 7d
Linarda	*Molva dypterygia*	3a, 4
Lipp	*Molva molva*	3a, 4
Trilja tal-ħama	*Mullus barbatus*	4, 7d
Trilja tal-qawwi	*Mullus surmuletus*	4, 7d
Mazzola bla xewka	Mustelus spp.	3a, 4, 7d
Skampu	*Nephrops norvegicus*	L-ilmijiet tal-Unjoni 3a, 4 u 2a
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	L-ilmijiet tal-Unjoni 3a, 4 u 2a; 4 ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N

Arzella tal-pellegrini	*Pecten maximus*	4, 7d
Lipp abjad	*Phycis blennoides*	4
Lipp tal-qawwi	*Phycis phycis*	4
Barbun	*Platichthys flesus*	4
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	3aN; 3aS; 4, 7d
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	3a, 4
Barbun imperjali	*Scophthalmus maximus*	3a, 4, 7d
Raja batra	*Raja brachyura*	4a, 4c, 7d
Raja tal-fosos	*Raja clavata*	3a, 4, 7d
Raja għewejna	*Raja microocellata*	7de
Raja tal-għajn	*Raja montagui*	3a, 4, 7d
Raja ondjata	*Raja undulata*	7de
Ir-rebekkini u r-raj kollha	*Rajidae*	3a
Ħalibatt ta' Greenland	*Reinhardtius hippoglossoides*	4
Salamun	*Salmo salar*	3a, 4, 7d
Trota tal-baħar	*Salmo trutta*	3a, 4, 7d
Kavall	*Scomber scombrus*	3a, 4, 7d
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	3a, 4, 7d
Gattarell tat-tikek	*Scyliorhinus canicula*	3a, 4, 7d
Lingwata komuni	*Solea solea*	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4; 7d
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4; 7d
Mazzola griża	*Squalus acanthias*	Iż-żoni kollha
Sawrell	*Trachurus trachurus*	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4b, 4c u 7d
Gallinetta	*Trigla lucerna*	4
Merluzz tan-Norveġja	*Trisopterus esmarki*	3a, 4
Pixxi San Pietru	*Zeus faber*	4, 7d

Reġjun	**Il-Grigal tal-Atlantiku**
Żona	**Il-Grigal tal-Atlantiku u l-Kanal tal-Punent (iż-żoni tal-ICES 5, 6, 7 (eskl. 7D), 8, 9, 10, 12 u 14, iż-żona tal-FAO 27)**
RCG	**NANS&EA**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	**Żona tal-ICES**
Imrewħa	*Aequipecten opercularis*	7
Alepoċefalu	*Alepocephalus bairdii*	6, 12
Ċiċċirella	*Ammodytidae*	6a
Sallura	*Anguilla anguilla*	Iż-żoni kollha

Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*	5, 6, 7, 12; 9, 10, 13
Gattarelli tal-fond	Apristurus spp.	5, 6, 7, 8, 9, 10
Arġentina kbira	*Argentina silus*	5, 6, 7
Gurbell rar	*Argyrosomus regius*	Iż-żoni kollha
Żumbrell għadma	*Aspitrigla cuculus*	Iż-żoni kollha
Fonsa ħamra	Beryx spp.	3-14
Brożmju	*Brosme brosme*	5, 6, 7
Granċ jittiekel	*Cancer pagurus*	Iż-żoni kollha
Minfaħ	*Capros aper*	6, 7, 8
Żagħrun	Centrophorus spp.	5, 6, 7, 8, 9, 10
Mazzola Portugiża	*Centroscymnus coelolepis*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Mazzola bellusija mneħirha twil	*Centroscymnus crepidater*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Mazzola sewda	*Centroscyllium fabricii*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Kelb il-baħar tal-frilli	*Chlamydoselachus anguineus*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Aringa	*Clupea harengus*	5a; 5b, 6b; 7aN; 6a, 7bc; 7aS, 7gh, 7jk
Gringu	*Conger conger*	Iż-żoni kollha
Grenadier imnieħru tond	*Coryphaenoides rupestris*	5b, 6, 7; 8, 9, 10, 12, 14
Murruna sewda	*Dalatias licha*	Iż-żoni kollha
Boll komuni	*Dasyatis pastinaca*	7, 8
Mazzola munqar l-għasfur	*Deania calcea*	5, 6, 7, 9, 10, 12
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	Iż-żoni kollha
Lingwata tar-rigi	*Dicologlossa cuneata*	8c, 9
Rebekkin skur	*Dipturus batis, Dipturis intermedius*	6, 7a, 7e-k; 8, 9a
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	8; 9, 10
Mazzola tal-fanal maġġuri	*Etmopterus princeps*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Mazzola tal-fanal	*Etmopterus spinax*	6, 7, 8, 10
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	7de
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	5b; 6a; 6b; 7a; 7b, 7c, 7e-k, 8, 9, 10; 5, 14
Kelb il-baħar	*Galeorhinus galeus*	5-10, 12
Gattarell ħalqu iswed	*Galeus melastomus*	6, 7; 8, 9a
Gattarell ġurdien	*Galeus murinus*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Barbun ilsien il-kelb	*Glyptocephalus cynoglossus*	6, 7
Murruna ta' sitt garġi	*Hexanchus griseus*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Ċippullazza tal-għajn	*Helicolenus dactylopterus*	Iż-żoni kollha

Ħalibatt tal-Atlantiku	*Hippoglossus hippoglossus*	5, 14
Awwista Ewropea	*Homarus gammarus*	Iż-żoni kollha
Mera tal-Atlantiku	*Hoplostethus atlanticus*	Iż-żoni kollha
Xabla	*Lepidopus caudatus*	9a
Lingwata ta' erba' tikek	*Lepidorhombus boscii*	8c, 9a
Megrim	*Lepidorhombus whiffiagonis*	6; 7, 8abd; 8c, 9a
Raja rotonda	*Leucoraja circularis*	6, 7
Raja petruża	*Leucoraja fullonica*	6, 7
Raja kukù	*Leucoraja naevus*	6, 7, 8ab; 8c; 9a
Limanda	*Limanda limanda*	7a, 7f-h; 7e
Klamar	*Loligo vulgaris*	Iż-żoni kollha
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	6; 7b-k, 8abd; 8c, 9a
Petriċa kbira	*Lophius piscatorious*	6; 5b, 12, 14; 7, 8abd; 8c, 9a
Grenadier rasu raffa	*Macrourus berglax*	8, 9, 10, 12, 14
Għaġuża	*Maja brachydactyla*	5, 6, 7
Kapelin	*Mallotus villosus*	14
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	5b, 6a; 6b, 12, 14; 7a; 7b-k, 8, 9, 10
Merlangu	*Merlangius merlangus*	8, 9, 10; 5b, 6, 12, 14; 7a; 7b-k
Merluzz	*Merluccius merluccius*	5b, 6, 7, 12, 14; 8abde; 8c, 9, 10
Lingwata tar-rigi	*Microchirus variegatus*	Iż-żoni kollha
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	1-9, 12, 14
Lingwata ħalqha żgħir	*Microstomus kitt*	Iż-żoni kollha
Linarda	*Molva dypterygia*	5b, 6, 7; 12 ilmijiet internazzjonali
Linarda Spanjola	*Molva macrophthalma*	10
Lipp	*Molva molva*	5; 6-14
Trilja tal-qawwi	*Mullus surmuletus*	Iż-żoni kollha
Mazzola tat-tbajja'	*Mustelus asterias*	6, 7, 8, 9
Mazzola bla xewka	*Mustelus mustelus*	6, 7, 8, 9
Mazzola tat-tbajja' suwed	*Mustelus punctulatus*	6, 7, 8, 9
Mazzola bla xewka	Mustelus spp.	5-10, 12, 14
Skampu	*Nephrops norvegicus*	5b, 6; 7; 8abde; 8c; 9
Qarnita	*Octopus vulgaris*	Iż-żoni kollha
Pixxiporku tal-Atlantiku	*Oxynotus paradoxus*	5, 6, 7, 8, 9, 10

Bażuga kaħlija	*Pagellus bogaraveo*	6, 7, 8; 9; 10
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	5, 14
Gambli pandalidi	Pandalus spp.	5, 14
Gamblu abjad	*Parapenaeus longirostris*	9a
Arzell	*Pecten maximus*	6, 7
Lipp abjad	*Phycis blennoides*	Iż-żoni kollha
Lipp tal-qawwi	*Phycis phycis*	Iż-żoni kollha
Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*	5b, 6, 12, 14; 7a; 7bc; 7de; 7fg; 7h-k; 8, 9, 10
Pollakkju	*Pollachius pollachius*	5b, 6, 12, 14; 7; 8abde; 8c; 9, 10
Pollakkju iswed	*Pollachius virens*	5b, 6, 12, 14; 7, 8, 9, 10
Ħanżir tal-fond	*Polyprion americanus*	10
Raja batra	*Raja brachyura*	4a, 6; 7a, 7fg; 7e; 9 a
Raja tal-fosos	*Raja clavata*	6; 7a, 7fg; 7e; 8; 9a; 10, 12
Raja għewejna	*Raja microocellata*	7de; 7fg
Raja tal-għajn	*Raja montagui*	6, 7b, 7j; 7a, 7e-h; 8; 9a
Raja ondjata	*Raja undulata*	7b, 7j; 7de; 8ab; 8c; 9 a
Ħalibatt ta' Greenland	*Reinhardtius hippoglossoides*	5a, 14; 5b, 6
Ħamiema	*Rostroraja alba*	Iż-żoni kollha
Salamun	*Salmo salar*	Iż-żoni kollha
Trota tal-baħar	*Salmo trutta*	Iż-żoni kollha
Sardina kaħla	*Sardina pilchardus*	8abd; 8c, 9a
Kavall għajnejh kbar	*Scomber colias*	8, 9, 10
Kavall	*Scomber scombrus*	5, 6, 7, 8, 9
Barbun imperjali	*Scophthalmus maximus*	Iż-żoni kollha
Barbun lixx	*Scophthalmus rhombus*	Iż-żoni kollha
Gattarell tat-tikek	*Scyliorhinus canicula*	6, 7a-c, 7e-j; 8abd; 8c, 9a
Gattarell tar-rukkal	*Scyliorhinus stellaris*	6, 7
Mazzola snienha tas-skieken	*Scymnodon ringens*	5, 6, 7, 8, 9, 10
Skorfna tat-Tramuntana	*Sebastes mentella*	5, 12, 14 (pelaġiku tal-baxx); 5, 12, 14 (pelaġiku tal-fond); 5, 14, (demersali)
Dott ħamrani	*Sebastes norvegicus*	5, 14
Siċċa	*Sepia officinalis*	Iż-żoni kollha
Lingwata komuni	*Solea solea*	5b, 6, 12, 14; 7a; 7bc; 7d; 7e; 7fg; 7hjk; 8ab; 8cde, 9, 10
Kelb il-baħar ta' Greenland	*Somniosus microcephalus*	Iż-żoni kollha
Sparidi	*Sparidae*	Iż-żoni kollha

Mazzola griża	*Squalus acanthias*	Iż-żoni kollha
Sawrella għajnejha kbar	*Trachurus mediterraneus*	8, 9
Sawrella kaħla	*Trachurus picturatus*	8, 9, 10
Sawrell	*Trachurus trachurus*	4a, 5b, 6a, 7a-c, 7e-k, 8; 9a
Bakkaljaw	Trisopterus spp.	Iż-żoni kollha
Pixxi San Pietru	*Zeus faber*	Iż-żoni kollha

Reġjun	**Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed**
Żona	**Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (GFCM GSA 1-29, iż-żona tal-FAO 37)**
RCG	**Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	**Subreġjun GFCM**
Laċċa tal-Baħar l-Iswed	*Alosa immaculata*	GSAs 28-29
Sallura	*Anguilla anguilla*	GSAs 1-27
Makku	*Aphia minuta*	GSA 9, 10, 16 u 19
Gamblu aħmar kbir	*Aristeomorpha foliacea*	GSAs 1-16, 19-21 u 22-27
Gamblu aħmar	*Aristeus antennatus*	GSAs 1-16, 19-21 u 22-27
Kurunella	Atherina spp.	GSA 9, 10, 16 u 19
Vopa	*Boops boops*	GSAs 1-27
Granċ ikħal	*Callinectes sapidus*	GSA 8-10, 11.2, 12-16, 18-21
Gandoffla rrigata	*Chamelea gallina*	GSAs 17-18
Qroll l-aħmar	*Corallium rubrum*	GSAs 1-27
Lampuka	*Coryphaena hippurus*	GSAs 12-27
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	GSAs 1-27
Sparlu	*Diplodus annularis*	GSAs 12-16, 19-21
Qarnita tal-qrun	*Eledone cirrhosa*	GSA 1-23
Qarnita tal-Misk	*Eledone moschata*	GSA 8-23
Inċova	*Engraulis encrasicolus*	GSAs 1-29
Gallina griża	*Eutrigla gurnardus*	GSA 13-16, 18-23
Gattarell ħalqu iswed	*Galeus melastomus*	GSAs 1-11
Klamari	Illex spp, Todarodes spp.	GSAs 1-27
Ballun b'faxxa tal-fidda	*Lagocephalus sceleratus*	GSAs 1-27
Klamar	*Loligo vulgaris*	GSAs 1-27
Petriċa żgħira	*Lophius budegassa*	GSAs 1-16, 19-21; 22-23
Petriċa kbira	*Lophius piscatorius*	GSA 1-16, 18-23
Merlangu	*Merlangius merlangus*	GSAs 28-29

Merluzz	*Merluccius merluccius*	GSAs 1-27
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	GSA 1-11, 22-23
Muletti tal-iswed	*Mugilidae*	GSA 8-10, 11.2, 12-23
Trilja tal-ħama	*Mullus barbatus*	GSAs 1-29
Trilja tal-qawwi	*Mullus surmuletus*	GSAs 1-16, 19-21 u 22-27
Skampu	*Nephrops norvegicus*	GSAs 1-21
Qarnita	*Octopus vulgaris*	GSAs 1-27
Bażuga kaħlija	*Pagellus bogaraveo*	GSAs 1-11
Paġella	*Pagellus erythrinus*	GSAs 1-27
Gamblu kbir irjali	*Penaeus kerathurus*	GSA 22-23
Gamblu abjad	*Parapenaeus longirostris*	GSAs 1-27
Granċ ikħal	*Portunus segnis*	GSA 8-10, 11.2, 12-16, 18-21
Pixxiskorpjun	*Pterois miles*	GSAs 1-27
Raja tal-kwiekeb	*Raja asterias*	GSAs 1-11
Raja tal-fosos	*Raja clavata*	GSAs 1-16, 19-21
Rapa whelk	*Rapana venosa*	GSAs 28-29
Sardina kaħla	*Sardina pilchardus*	GSAs 1-27
Laċċa tal-faxx	*Sardinella aurita*	GSAs 1-16, 19-21 u 22-27
Skalm	*Saurida lessepsianus*	GSAs 22-27
Brushtooth lizardfish	*Saurida undosquamis*	GSAs 22-27
Barbun imperjali	*Scophthalmus maximus*	GSAs 28-29
Kavall għajnejh kbar	*Scomber colias*	GSAs 1-11, 22-27
Kavall	*Scomber scombrus*	GSAs 1-16, 19-21
Il-klieb il-baħar, ir-raj u r-rebekkini kummerċjali kollha (4)	*Selachii, Rajidae*	GSAs 1-29
Siċċa	*Sepia officinalis*	GSAs 1-21
Siganu mdellel	*Siganus luridus*	GSAs 22-27
Qawsalla	*Siganus rivulatus*	GSAs 22-27
Lingwata komuni	*Solea solea (Solea vulgaris)*	GSAs 17-18, 22-27
Awrata	*Sparus aurata*	GSA 7, 22-23
Lizz	*Sphyraena sphyraena*	GSAs 12-16, 19-21
Arżnella	*Spicara smaris*	GSAs 17-18, 22-27
Laċċa kaħla	*Sprattus sprattus*	GSAs 28-29
Mazzola griża	*Squalus acanthias*	GSAs 28-29
Gamblu mantis	*Squilla mantis*	GSAs 17-18
Sawrella għajnejha kbar	*Trachurus mediterraneus*	GSAs 1-29

Sawrella kaħla	*Trachurus picturatus*	GSAs 1-11
Sawrella komuni	*Trachurus trachurus*	GSAs 1-29
Mankana	*Trisopterus minutus*	GSAs 1-29
Gandoffli ta' Venere	*Veneridae*	GSA 6, 13-21

Reġjun	**Ir-reġjuni ultraperiferiċi**
Żona	**L-ilmijiet tal-UE madwar l-Azores (iż-żona tal-FAO 27.10.a.2), il-gżejjer Madeira u Kanarji (iż-żona tal-FAO 34.1.2)**
RCG	**xejn**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	
Imħar	*Patellidae*	Iż-ŻEE tal-Azores, iż-ŻEE tal-Gżejjer Kanarji/Madeira
Sardina kaħla	*Sardina pilchardus*	Iż-ŻEE tal-Azores, iż-ŻEE tal-Gżejjer Kanarji/Madeira
Laċċa tal-faxx	*Sardinella aurita*	Iż-ŻEE ta' Kanarji/Madeira
Laċċa tal-ġewnaħ iswed	*Sardinella maderensis*	Iż-ŻEE tal-Azores
Marzpan	*Sparisoma cretense*	Iż-ŻEE tal-Azores, iż-ŻEE ta' Kanarji/Madeira

Reġjun	**Ir-reġjuni ultraperiferiċi**
Żona	**L-ilmijiet tal-UE madwar il-Guyana Franċiża, il-gżejjer Martinique u Guadeloupe (iż-żona tal-FAO 31)**
RCG	**xejn**

Speċi (isem komuni)	**Speċi (isem xjentifiku)**	
Pixxigatt tal-baħar rasu ratba	*Amphiarius rugispinis*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Kumakuma	*Brachyplatystoma filamentosum*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Karanġid Krevall	*Caranx hippos*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Snooks(= Robalos), li mhumiex inklużi banda oħra	Centropomus spp.	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Gurbell akoupa	*Cynoscion acoupa*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Gurbell snienu żgħar	*Cynoscion steindachneri*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Gurbell cambucu	*Cynoscion virescens*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Dott ġgant tal-Atlantiku	*Epinephelus itajara*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Qażquż torroto	*Genyatremus luteus*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Tripletail	*Lobotes surinamensis*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Lutjan ħamrani tan-Nofsinhar	*Lutjanus purpureus*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
King weakfish	*Macrodon ancylodon*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Tarpon	*Megelops atlanticus*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Gamblu kannella tan-Nofsinhar	*Penaeus subtilis*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Gurbell tax-xmara tal-Amerika t'isfel	*Plagioscion squamosissimus*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża

Pixxigatt tal-baħar isfar	*Sciades parkeri*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Pixxigatt tal-baħar kurċifiss	*Sciades proops*	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Kavalli rjali, li mhumiex inklużi banda oħra	Scomberornorus spp.	Iż-ŻEE tal-Guyana Franċiża
Pixxisenduq xehda	*Acanthostracion polygonius*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pixxisenduq tawru	*Acanthostracion quadricornis*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pixxikirurgu oċeaniku	*Acanthurus bahianus*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pixxikirurgu rrigat	*Acanthurus chirurgus*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Ħmar denbu mrewħa	*aluterus scriptus*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Qażquż tax-xoffa	*Anisotremus surinamensis*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Raj, li mhumiex inklużi banda oħra	*Batoidimorpha (Hypotremata)*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pixxibalistra reġina	*Balistes vetula*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pagru bajonado	*Calamus bajonado*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
American whitespotted filefish	*Cantherhines macrocerus*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Pixxibalistra oċeanika	*Canthidermis sufflamen*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Karanġid isfar	*Caranx bartholomaei*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Karanġid għajnu kbira	*Caranx latus*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Karanġid tal-faxx iswed	*Caranx ruber*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
Graysby	*Cephalopholis cruentata*	Iż-ŻEE ta' Guadeloupe u ta' Martinique
